MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2005

Numru. 593/2004

**PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN BORG**
**VS**
**OMISSIS**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat OMISSIS bejn it-12 ta' Mejju 2004 u is-7 ta' Lulju 2004 fil-Hamrun, fil-Marsa, fil-Mellieha u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:
Bil-mezz ta' karta miktuba, sew jekk anonima kemm jekk tkun iffirmata bl-isem tieghu nnifsu jewb'isem mahluq, hedded lil haddiehor u cioe lil OMISSIS u persuni ohra, b'xi delitt

Ghal qliegh jew ghat-tqassim, jew ghal wiri f'post pubbliku jewf'post accessibbli ghal-pubbliku, immanifattura, stampa jew xort'ohra ghamel, jew dahhal f'Malta, jew akkwista, zamm, iccirkola jew esporta xi stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografija jew oxxena jew xi oggett iehor, ikun li jkun, pornografiku jew oxxen, kemm jekk jixbah lil dawn t'hawn fuq hemm jekk le

Bil-hsieb li jtellef jew jnaqqas il-gieh ta' OMISSIS u ta' persuni ohra, wegga bi kliem, gesti b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor.

Fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-gzejjer, uza xi sistema jew apparat ta' telekomunikazzjonijiet provduti minn provditur  awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih kien gie provdut, jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li jinhargu minn provditur awtorizat ghall-uzu sew tas-sistema tat-telekomunikazzjonijiet jew taghmir jew ghamel uzu minnu mhux sew.

Minghajr awtorizzazzjoni ghamel reat kontra l-uzu mhux dovut tal-computer billi uza computer jew xi taghmir jew apparat iehor biex jidhol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg li jinzammu fuq dak il-computer  jew f'xi computer iehor jew tuza, tikkopja jew timmodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg bhal dak

Ghamel output ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg mill-compuiter li jkunu qeghdin  jinzammu fih sew billi dawn jittellghu b'xebh jew b'kull mod iehor li jkun

Ikkupja data, software jew dokumentazzjoni ta 'appogg ghal kull medium ta' hazin li ma jkunx dak li ssoltu jinzammu fih jew ghal imkien differenti fil-medium ta' hazin fejn is-soltu jinzammu

Illi b'hekk OMISSIS sar ricediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fis-7 t'April 1987.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ l-kaz;

Rat il-verbal tal-24 ta’ Gunju 2005 fejn l-imputat ammetta mit-tieni sas-seba akkuza.

Rat il-verbal tal-24 ta’ Gunju 2005 fejn il-Qorti wara li tat lill-imputat l-opportunita biex jirripensa ruhu mid-dikjarazzjoni li ghamel, l-imputat ghazel li jirrikonferma l-ammissjoni tieghu.

Rat il-pre sentenncng report dok TC f ol 95 et seq.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghha il-Qorti ssib lill-imputat hati mit-tieni sas-seba akkuza.

Illi ghar-rigward tal-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni r-rakomandazzjonjiet kontenuti fil-pre sentencing report dok TC, il-fedina penali tal-imputat, l-atitudni matura li bih ikkomportat ruhha il-kwerelanti, ir-rapport tal-psikologu (ara dok PC a fol 95 et seq) u ghaldaqstant wara li rat Art 208, 252, 337C(1)(a)(b)(c) tal-kap 9, 39(1)(d) tal-kap 399, Art 7(1)(5) tal-kap 446 u 383 tal-kap 9 u tqieghed lill-imputat taht Ordni ta’ Probation ghal perjodu ta’ tlett snin taht is-supervizzjoni ta’ Mariella Camilleri, Direttur tal-Probation Services jew probation officer minnha nominat.

In oltre ai termini tal-Art 7(5) tal-kap 446 il-Qorti tordna illi l-imputat jattendi sessions ta’ terapija taht clinical psychologist li jaghzel hu ghal perjodu ta’ sena b’mhux anqas minn zewg sessions kull xahar sabiex jeghleb il-problemi li ghandu.

Di piu il-Qorti tqieghed lill-imputat taht garanzija ta’ Lm100 ghal sena ai termini tal-Art 383 tal-kap 9, b’obbligazzjoni li

l-istess imputat m'ghandu b'ebda mod jikkomunika, ma jkellem jew javvicina lill-kwerelanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------